**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta’ Awwissu, 2023**

Rikors Numru: 216/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1719/2013)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (06/07/2013), liema zwieg jinsab debitament registrat mar-Registru Pubbliku [Dok. A]

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, E F D li twieled fil- 15 taNovembru, 2014; G F D li twieled fis-6 t April, 2016; u H F D li twieldet fis-16 ta' Gunju, 2018.

3. Illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fid-19 t'April, 2022 [DokB].

4. Illi bejn il-kontendenti ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni. Inoltre bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavit taghha ezebit bhala Dok. C

5. Illi għalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011 l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Lulju 2013; u

2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ April, 2023;

Semgħet lill-avukat difensuri tal-intimat jinforma lill-qorti illi l-intimat mghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' April 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.